

Brussell, 26 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12551/19

SOC 636
EMPL 482

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali Fatra tas-Sinjura Blaženka KAMENJAŠEVIĆ, membru għall-Kroazja, minflok is-Sinjura Sandra FRANKIĆ, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Sandra FRANKIĆ , bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Kroazja).
2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004¹ li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2015², il-ħatriet huma validi għal perijodu ta' ħames snin.

¹ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

² ĠU C 341, 16.10.2015, p. 4.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Kroazja nnomina lill-kandidat li ġej biex jieħu post il-membri li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2020:

is-Sinjura Blaženka KAMENJAŠEVIĆ
Il-Ministeru tax-Xogħol u s-Sistema tal-Pensjonijiet
Telefon: + 358 1 369 6465
posta elettronika: blazenka.kamenjasevic@mrms.hr

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali³, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2015⁴, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perijodu li jntemm fid-19 ta' Ottubru 2020.
- (2) Post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet sar vakanti b'riżultat tar-riżenja tas-Sinjura Sandra FRANKIĆ.
- (3) Il-gvern tal-Kroazja nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

⁴ ĠU C 341, 16.10.2015, p. 4.

Artikolu 1

Is-Sinjura Blaženka KAMENJAŠEVIĆ hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sinjura Sandra FRANKIĆ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President
